Nru. 17,437
Prezz 48c
Price 48c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 1 ta' Lulju, 2003
Tuesday, 1st July, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

Anno Domini 2003 Nru. IX

Anno Domini 2003 No. IX

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) George Hyzler
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fis-27 ta' Ġunju, 2003, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 ta' l-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, GEORGE HYZLER, K.O.M., TABIB, qiegħed ħawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skond l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 27 ta' Ġunju, 2003.

B'Awtorità.

(Iff.) Eddie Fenech Adami
Prim Ministru

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd.) George Hyzler
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 27th day of June, 2003, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, GEORGE HYZLER, K.O.M., DOCTOR OF MEDICINE, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 27th day of June, 2003.

By Authority.

(Sd.) Eddie Fenech Adami
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 551

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta rritorna Malta fit-30 ta' Ġunju, 2003, u reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President.

Dott. George Hyzler ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President mal-wasla lura f'Malta tal-President.

L-1 ta' Lulju, 2003

Nru. 552

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetti tal-Gvern Nri. 17,433 u 17,436 tal-24 u s-27 ta' Ġunju, 2003, rispettivament.

A.L. Nru. 136 ta' l-2003: *Product Safety Act (Act No. V of 2001); Method for Designating Conformity Assessment Bodies Regulations, 2003*.

A.L. Nru. 137 ta' l-2003: Att dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel (Kap. 449); Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Iġjene ta' l-Ikel.

A.L. Nru. 138 ta' l-2003: Att dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel (Kap. 448); Regolamenti ta' l-2003 dwar Materjali li jiġu f'Kuntatt ma' Oġġetti ta' l-Ikel.

A.L. Nru. 139 ta' l-2003: Att dwar l-Awtorità tad-Djar (Kap. 261); Ordni ta' l-2003 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3).

A.L. Nru. 140 ta' l-2003: Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni (Kap. 399); Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Obbligi u r-Rati dwar l-Interkonnessjoni.

A.L. Nru. 141 ta' l-2003: Att ta' l-2003 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. II ta' l-2003); Ordinanza dwar Self Lokali *(Stock* u Titoli Reġistrati) (Kap. 161); Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi Għall-ħruġ ta' ammont li ma jeċċedix Lm30,000,000 5.1% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2014 (It-Tielet Ħruġ).

A.L. Nru. 142 ta' l-2003: Att ta' l-2003 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. II ta' l-2003); Ordinanza dwar

GOVERNMENT NOTICES

No. 551

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta returned to Malta on the 30th June, 2003, and has resumed the functions of the Office of The President.

Dr George Hyzler has ceased to perform the functions of President from the time of the President's arrival in Malta.

1st July, 2003

No. 552

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,433 and 17,436 of the 24th and 27th June, 2003, respectively.

L.N. No. 136 of 2003: Product Safety Act (Act No. V of 2001); Method for Designating Conformity Assessment Bodies Regulations, 2003.

L.N. No. 137 of 2003: Food Safety Act (Cap. 449); The Hygiene of Food (Amendment) Regulations, 2003.

L.N. No. 138 of 2003: Food Safety Act (Cap. 448); Materials in Contact with Foodstuffs (Draft) Regulations, 2003.

L.N. No. 139 of 2003: Housing Authority Act (Cap. 261); Housing Authority (Transfer of Assets) (No. 3) Order, 2003.

L.N. No. 140 of 2003: Telecommunications (Regulation) Act (Cap. 399); Interconnection (Obligations and Rates) (Amendment) Regulations, 2003.

L.N. No. 141 of 2003: Budget Measures Implementation Act, 2003 (Act No. II of 2003); Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance (Cap. 161); Directive by the Minister of Finance for the Issue of an amount not exceeding Lm30,000,000 5.1% Malta Government Stock 2014 (Third Issue).

L.N. No. 142 of 2003: Budget Measures Implementation Act, 2003 (Act No. II of 2003); Local Loans (Registered Stock

Self Lokali *(Stock* u Titoli Reġistrati) (Kap. 161); Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi Għall-ħruġ ta' ammont li ma jeċċedix Lm33,833,200 5.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2023 (L-Ewwel Ħruġ).

A.L. Nru. 143 ta' l-2003: Ordinanza dwar Self Lokali *(Stock* u Titoli Reġistrati) (Kap. 161); Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi għall-Ħruġ ta' Lm66,700 *Stock* tal-Gvern bis-7%, 2013 (III).

L-1 ta' Lulju, 2003

Nru. 553

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AVJAZZJONI ĊIVILI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għat-Trasport u Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

and Securities) Ordinance (Cap. 161); Directive by the Minister of Finance for the Issue of an amount not exceeding Lm33,833,200 5.5% Malta Government Stock 2023 (First Issue).

L.N. No. 143 of 2003: Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance (Cap. 161); Directive by the Minister of Finance and Economic Affairs for the issue of Lm66,700 7% Malta Government Stock 2013 (III).

1st July, 2003

No. 553

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CIVIL AVIATION)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Transport and Communications has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Anthony Gatt	Direttur Ġenerali *Director General*	Avjazzjoni Ċivili *Civil Aviation*	02-04.7.2003

L-1 ta' Lulju, 2003

1st July, 2003

Nru. 554

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SAĦĦA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 554

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (HEALTH)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Health has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dr R. G. Xerri	Direttur Ġenerali *Director General*	Saħħa *Health*	01-06.7.2003

Din in-Notifikazzjoni hija b'żieda man-Notifikazzjoni Nru. 463 ippubblikata fit-30 ta' Mejju, 2003.

L-1 ta' Lulju, 2003

This Notice is in addition to Notice No. 463 dated 30th May, 2003.

1st July, 2003

Nru. 555

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI

MS JOYCE Pullicino se tkun Aġent Direttur Ġenerali, Edukazzjoni, mit-Tnejn l-14 sa l-Erbgħa t-30 ta' Lulju, 2003, iż-żewġ dati inklużi.

L-1 ta' Lulju, 2003

No. 555

MINISTRY OF EDUCATION

MS JOYCE Pullicino will be acting Director General, Education, from Monday 14th to Wednesday 30th July, 2003, both days inclusive.

1st July, 2003

Nru. 556

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 556

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 236	Mario Grima	Deborah Casual Wear 39, Triq San Pawl Cospicua	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42	13.06.03
CD/3209/2003 Pt 29	Niki Soler	Yellow Pages (Malta) Ltd 'Directories Building' Triq il-Pitkali Marsa	Kategorija V - Servizzi professjonali u kummerċjali *Category V - Professional and business services*	74.4	20.06.03
CD/3209/2003 Pt 207	Lorna Gauci	Tanny Bazaar 8, Triq Dun Miju Zarb Żebbuġ Malta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.43	20.06.03
CD/3209/2003 Pt 143	Marcellino Galea	Garden Fresh 58 Triq Kananea Attard	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.21 52.27	23.06.03
CD/3209/2003 Pt 185	Olivia Azzopardi	Green Apple Triq tas-Sisla Ta' Paris Birkirkara	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.21 52.27	23.06.03

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 208	Richard Grech	Ritchie's Green Grocer 45 Triq Virginio Monti Birkirkara	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.21	23.06.03
CD/3209/2003 Pt 231	Charles Schembri	Floreal Shop 8, Regent Place Triq Tumas Fenech c/w Triq il-Venerabbli Birkirkara	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.10	23.06.03
CD/3209/2003 Pt 130	Paul Magro	Magro Store 32 Triq il-Kbira Qrendi	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.21	24.06.03
CD/3209/2003 Pt 133	Emanuel Scerri	Emy's Furniture Triq il-Parsott Mosta	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	20	24.06.03
CD/3209/2003 Pt 229	Carmen White	Garage 5 Triq il-Merżuq Birżebbuġa	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.47 52.42	24.06.03
CD/3209/2003 Pt 244	George Vassallo	'Arzella' Triq il-Merill Għaxaq	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	26	25.06.03
CD/3209/2002 Pt 485	Nicholas Xuereb	Dowty Automotive (Malta) Ltd HF 78, Hal Far Industrial Estate Hal Far	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	25	25.06.03

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

L-1 ta' Lulju, 2003

1st July, 2003

Nru. 557

KUNSILL NAZZJONALI TA' L-ANZJANI

IL-KUNSILL Nazzjonali ta' l-Anzjani elett għas-snin 2002-2005 hu kif ġej:-

President
Is-Sur Charles Arrigo Azzopardi

Segretarju
Is-Sur Lino Mizzi

Teżorier
Is-Sur Carmel Mallia

Segretarju Internazzjonali
Is-Sinjura Rose Sammut

Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi
Is-Sinjorina Helen Borg Bonnici

Membri
Is-Sur George Agius
Is-Sinjura Doris Attard
Is-Sur Anthony Borg
Ms Lina Bugeja
Is-Sinjura Jessie Ebejer
Is-Sur Nicholas Farrugia
Is-Sur Leone Fenech
Is-Sur Alfred Muscat
Is-Sur Frank Mumford
Is-Sur Maurice L. Petrocochino

L-1 ta' Lulju, 2003

No. 557

NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY

THE National Council for the Elderly elected for the years 2002-2005 is as follows:-

President
Mr Charles Arrigo Azzopardi

Secretary
Mr Lino Mizzi

Treasurer
Mr Carmel Mallia

International Secretary
Mrs Rose Sammut

Public Relations Officer
Miss Helen Borg Bonnici

Members
Mr George Agius
Mrs Doris Attard
Mr Anthony Borg
Ms Lina Bugeja
Mrs Jessie Ebejer
Mr Nicholas Farrugia
Mr Leone Fenech
Mr Alfred Muscat
Mr Frank Mumford
Mr Maurice L. Petrocochino

1st July, 2003

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 31 ta' l-2003

Wirja ta' Logħob tan-Nar mix-Xatt, Tas-Sliema

Se ssir wirja tal-logħob tan-nar mix-Xatt, Tas-Sliema, mill-inħawi magħrufa bħala l-*Ferry* rigward il-Festa Titulari tal-Madonna tal-Qalb Imqaddsa, Tas-Sliema, kif muri fiċ-*chart* mehmuża fuq paġna 9513.

Id-dati u l-ħinijiet tal-wirjiet se jkunu kif ġej:

Data		*Ħinijiet*
Is-Sibt	5 ta' Lulju, 2003	8.00 a.m. sat-8.10 a.m.
Is-Sibt	5 ta' Lulju, 2003	nofsinhar sa 12.10 p.m.
Is-Sibt	5 ta' Lulju, 2003	9.00 p.m. sa nofsillejl
Il-Ħadd	6 ta' Lulju, 2003	8.00 a.m. sat-8.10 a.m.
Il-Ħadd	6 ta' Lulju, 2003	nofsinhar sa 12.10 p.m.
Il-Ħadd	6 ta' Lulju, 2003	7.00 p.m. sal-11.00 p.m.

Is-sidien u l-inġenji li jkunu qed jirmiġġaw/ibaħħru fl-inħawi hawn fuq imsemmija għandhom iżommu 'l bogħod mill-post fejn se jsir il-ħruq fid-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

L-1 ta' Lulju, 2003

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 31 of 2003

Fireworks Display from the Strand, Sliema


A fireworks display will be carried out from the Strand, Sliema, from the area known as The Ferry in connection with the Titular Feast of Our Lady of Sacred Heart, Sliema, as per chart shown on page 9513.

The dates and times of Displays will be as follows:

Date		*Times*
Saturday	5th July 2003	8.00 a.m. to 8.10 a.m.
Saturday	5th July 2003	noon to 12.10 p.m.
Saturday	5th July 2003	9.00 p.m. to midnight
Sunday	6th July 2003	8.00 a.m. to 8.10 a.m.
Sunday	6th July 2003	noon to 12.10 p.m.
Sunday	6th July 2003	7.00 p.m. to 11.00 p.m.

All masters of craft berthed/navigating in the above mentioned area are to keep clear and give a wide berth on the dates and times mentioned above.

1st July, 2003


The Strand Sliema
Fireworks Area.

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 32 ta' l-2003

Għawma fil-Baħar Miftuħ bejn Għawdex u Malta

Nhar is-Sibt, is-26 ta' Lulju, 2003, *St Joseph Sports Club* ta' Birkirkara se jorganizza għawma fil-Fliegu bejn Għawdex u Malta.

Jekk it-temp jippermetti, it-tellieqa se ssir bejn is-7.00 a.m. u l-10.00 a.m. b'kull għawwiem ikollu miegħu dgħajsa għall-għajnuna.

L-għawma se tibda mill-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien, Għawdex, fis-7.00 a.m. u tintemm fil-*Paradise Bay Hotel,* iċ-Ċirkewwa, Malta. L-għawwiema se jgħaddu minn rotta li tgħaddi mill-*Blue Lagoon*.

Matul il-ħin stipulat, l-inġenji tal-baħar kollha għandhom iżommu 'l bogħod mill-inħawi, speċjalment mill-għawwiema.

L-1 ta' Lulju, 2003

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 32 of 2003

Gozo – Malta Channel Open Sea Swim

On Saturday, 26th July, 2003, the Birkirkara St Joseph Sports Club will organize a swim across the Gozo – Malta Channel.

Weather permitting, the race is to take place between 7.00 a.m. and 10.00 a.m., with each swimmer being accompanied by a support boat.

The swim will start from Ħondoq ir-Rummien Bay, Gozo, at 7.00 a.m. and finish at Paradise Bay Hotel, Ċirkewwa, Malta. The swimmers will follow a route through the Blue Lagoon.

During the stipulated time all craft are to keep clear of the area and give the swimmers a wide berth.

1st July, 2003

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 33 ta' l-2003

Tellieqa tal-Windsurfing madwar Kemmuna

Il-Gozo Sailing Club se jorganizza tellieqa tal-*windsurfing* madwar Kemmuna nhar il-Ħadd, l-20 ta' Lulju, 2003.

It-tellieqa tibda minn Ħondoq ir-Rummien, Għawdex, fis-2.00 p.m. u tispiċċa fis-7.00 p.m. fl-istess post. Ir-rotta eżatta madwar Kemmuna mhix magħrufa, u dan ikun jiddependi mill-kundizzjonijiet tat-temp.

Minħabba dan ta' hawn fuq, il-baħħara li jkunu jbaħħru qrib Kemmuna għandhom joqogħdu attenti u jżommu 'l bogħod meta jintlemħu l-*windsurfers* fid-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

L-1 ta' Lulju, 2003

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 33 of 2003

Windsurfing Race Around Comino

The Gozo Sailing Club will be organizing a windsurfing race around Comino on 20 July 2003.

The race will depart from Ħondoq ir-Rummien, Gozo at 2.00 p.m. and will finish at 7.00 p.m. at the same place. The exact route around Comino is unknown, as this will depend upon the weather conditions.

In view of the above, mariners navigating close to Comino are to keep a sharp lookout and to give a wide berth when the windsurfers are sighted on the date and time mentioned above.

1st July, 2003

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet ta' l-*Edexcel London*
Jannar 2003

L-Aġent Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati illi ċ-ċertifikati ta' l-eżamijiet imsemmija hawn fuq waslu u jistgħu jinġabru kif ġej:–

Kandidati f'Malta

Dipartiment ta' l-Eżamijiet,

il-Furjana

Kandidati f'Għawdex

Ċentru ta' l-Eżamijiet,

ir-Rabat,

Għawdex.

IMPORTANTI

Il-kandidati għandhom jiftakru li ċ-ċertifikati jistgħu jinġabru billi jippreżentaw il-Karta ta' l-Identità tagħhom u l-Karta tar-Riżultat.

Jekk ir-riżultat jinġabar mill-ġenitur, għandhom jiġu ppreżentati l-Karta ta' l-Identità tal-ġenitur u tal-kandidat.

L-1 ta' Lulju, 2003

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Edexcel London Examinations
January 2003

The Acting Director of Examinations notifies candidates that the certificates in respect of the above examination have been received and can be collected as follows:–

Malta Candidates:

Examinations Department,

Floriana.

Gozo Candidates

Examination Centre,

Victoria,

Gozo.

IMPORTANT

Candidates are reminded that certificates can only be collected on presentation of their Identity Card and Result Slip.

If the certificate is collected by the parent, the I.D. Card of both the parent and the candidate should be presented.

1st July, 2003

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżami għall-Ingaġġ ta' Suldati fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari) - 2003

L-Ewwel Parti - Eżami ta' Effiċenza Fiżika

L-Aġent Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf li l-avviż ta' l-eżami msemmi hawn fuq intbagħat lill-kandidati konċernati.

Dawk il-kandidati li ma rċevewx l-avviż ta' l-eżami huma mitluba biex jikkuntattjaw minnufih lid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana.

L-1 ta' Lulju, 2003

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Examination for the Engagement of Soldiers in the Armed Forces of Malta (Regular Force) - 2003

First Part - Physical Efficiency Examination

The Acting Director of Examinations notifies that the notice for the abovementioned examination has been sent to the candidates concerned.

Those applicants who did not receive the notice for the examination are requested to contact the Department of Examinations, Floriana, immediately.

1st July, 2003

DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA

Riżultati ta' l-Intervisti għall-Postijiet fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Id-Direttur Ġenerali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultati għall-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn taħt fin-*notice-board* prinċipali fid-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-postijiet huma dawn li ġejjin:
Tradesman/Senior Tradesman (Mastrudaxxa)
Tradesman/Senior Tradesman (Plumber)
Senior ECG Technician

L-1 ta' Lulju, 2003

DEPARTMENT OF HEALTH

Results of Interviews for Posts in the Health Division

The Director General notifies that the results of the interviews for the undermentioned posts may be viewed on the main notice-board in the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The posts are the following:
Tradesman/Senior Tradesman (Carpenter)
Tradesman/Senior Tradesman (Plumber)
Senior ECG Technician

1st July, 2003

KUNSILL LOKALI SLIEMA

Diskussjoni dwar *Bye-Law*

Skond l-artikolu 35 (1) ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), se ssir diskussjoni dwar il-*Bye-Law* propost li ġej:

Riklami fuq għamara tat-toroq.

Il-Kunsill għandu jiddiskuti din il-*Bye-Law* fl-4.30 p.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-23 ta' Lulju, 2003, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali.

Għal aktar tagħrif wieħed għandu jikkuntattja l-Kunsill matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

L-1 ta' Lulju, 2003

SLIEMA LOCAL COUNCIL

Bye-Law Discussion

In accordance with section 35 (1) of the Local Councils Act (Act No. XVof 1993), a discussion will be held on the proposed Bye-Law:

Advertisements on street furniture.

The Council will discuss the Bye-Law at 4.30 p.m. on Wednesday, 23rd July, 2003 at the Local Council's Administrative Office.

For further information one should contact the Council during office hours from Monday to Friday.

1st July, 2003

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, *Notre Dame Ravelin,* il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-3 ta' Lulju, 2003, għal:

CT 131/2003. Provvista u tqegħid ta' ġebel tal-qawwi Ragusano fl-Imdina, Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta. Il-pjanti relatati jistgħu jinġabru mill-uffiċċju taċ-*Chief Draughtsman,* Blokk A, Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar, wara li jitħallas id-dritt neċessarju ta' Lm20 għal kull sett komplut kopja ta' pjanti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-8 ta' Lulju, 2003, għal:

CT 138/2003. Provvista ta' *dual chamber rate responsive pacemakers and endocardial pacing leads* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 139/2003. Provvista ta' *arterial puncture sealing device* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 140/2003. Provvista ta' *three lumen central venous catheterisation set* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 141/2003. Provvista ta' *teicoplanin 200mg vials* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 142/2003. Provvista ta' *human biosynthetic biphasic insulin cartridges* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 143/2003. Provvista ta' *influenza vaccine* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 144/2003. Provvista ta' pilloli *quetiapine 25mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 146/2003. Provvista ta' *imagesetter* u *on line processor* – Stamperija tal-Gvern.

CT 147/2003. Provvista ta' *human biosynthetic insulin neutral solution – short acting cartridges* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 148/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *paclitaxel 30mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 149/2003. Provvista ta' *budesonide nebuliser suspension 1mg/2ml ampoules* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 150/2003. Provvista ta' *ipratropium bromide nebuliser solution* – Dipartiment tas-Saħħa.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 3rd July, 2003, for:

CT 131/2003. Supply and laying of Ragusano hardstone at Mdina, Works Division. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document. The relative drawings can be collected from the Chief Draughtsman's office, Block A, Works Division, Floriana, between 8.00 a.m. and noon against the necessary payment of Lm20 for a complete set of drawings.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 8th July, 2003, for:

CT 138/2003. Supply of dual chamber rate responsive pacemakers and endocardial pacing leads - Department of Health.

CT 139/2003. Supply of arterial puncture sealing device - Department of Health.

CT 140/2003. Supply of three lumen central venous catheterisation set - Department of Health.

CT 141/2003. Supply of teicoplanin 200mg vials - Department of Health.

CT 142/2003. Supply of human biosynthetic biphasic insulin cartridges - Department of Health.

CT 143/2003. Supply of influenza vaccine - Department of Health.

CT 144/2003. Supply of quetiapine 25mg tablets - Department of Health.

CT 146/2003. Supply of an imagesetter and on line processor – Government Printing Press.

CT 147/2003. Supply of human biosynthetic insulin neutral solution – short acting cartridges – Department of Health.

CT 148/2003. Supply of paclitaxel 30mg injections – Department of Health.

CT 149/2003. Supply of budesonide nebuliser suspension 1mg/2ml ampoules – Department of Health.

CT 150/2003. Supply of ipratropium bromide nebuliser solution – Department of Health.

CT 151/2003. Provvista ta' *prostaglandin F2 alpha analogue eye drops* – Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-10 ta' Lulju, 2003, għal:

CT 152/2003. Żidiet strutturali u alterazzjonijiet fil-Blokk ta' Amministrazzjoni fil-*Main Campus* tal-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Kordin - Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST). Irid jitħallas dritt ta' Lm35 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 153/2003. Provvista u konsenja ta' tagħmir tal-laboratorju għall-*Junior Lyceum* tas-Subien, Kordin - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 154/2003. Xogħlijiet ta' bini u tkomplija f'diversi Skejjel Primarji u Sekondarji f'Malta - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 159/2003. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' konkos *ready mixed* għall-użu ġenerali u marittimu f'Malta (Sena 2004) lis-Sezzjoni tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-15 ta' Lulju, 2003, għal:

CT 167/2003. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *boiler suits* lis-Sezzjoni tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-17 ta' Lulju, 2003, għal:

CT 155/2003. Xogħlijiet tad-drenaġġ ix-Xwieki, Ħal Għargħur - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 156/2003. Bini u tkomplija ta' estensjoni fl-Iskola Sekondarja tas-Subien Ġużè D'Amato, f'Raħal Ġdid - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 157/2003. Xogħlijiet ta' aluminju fl-Iskola Sekondarja tas-Subien Ġużè D'Amato, f'Raħal Ġdid - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 158/2003. Bini u tkomplija ta' *lift shafts, machine rooms* u *access ramps* f'diversi Skejjel Primarji u Sekondarji f'Malta - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 151/2003. Supply of prostaglandin F2 alpha analogue eye drops – Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 10th July, 2003, for:

CT 152/2003. Structural additions and alterations to Administration Block at the Malta College of Arts, Science and Technology Main Campus, Corradino - Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST). A fee of Lm35 will be charged for each copy of tender document.

CT 153/2003. Supply and delivery of laboratory equipment to the Boys Junior Lyceum, Corradino - Education Division. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 154/2003. Construction and finishing works in various Primary and Secondary Schools in Malta - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

CT 159/2003. Period contract for the supply of ready mixed concrete for general and maritime use in Malta (Year 2004) to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 15th July, 2003, for:

CT 167/2003. Period contract for the supply of boiler suits to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 17th July, 2003, for:

CT 155/2003. Sewer works at ix-Xwieki, Għargħur - Works Division. A fee of Lm15 will be charged for each copy of tender document.

CT 156/2003. Construction and finishing of an extension at Ġużè D'Amato Boys Secondary School, Paola - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

CT 157/2003. Aluminium works at Ġużè D'Amato Boys Secondary School, Paola - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

CT 158/2003. Construction and finishing of lift shafts, machine rooms and access ramps at various Primary and Secondary Schools in Malta - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

CT 160/2003. Xogħlijiet ta' *upgrading* fl-Iskola Sekondarja tas-Subien San Franġisk ta' Assisi, f'Santa Venera, Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm35 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 161/2003. Xogħlijiet ta' servizzi u tibdil ta' żewġt ikmamar f'laboratorji tal-fiżika u ikel fl-iskola Sekondarja tas-Subien San Franġisk ta' Assisi, f'Santa Venera, Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm35 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 185/2003. Kuntratt perjodiku għal provvista ta' diversi żebgħa u lostru lis-Sezzjoni tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-22 ta' Lulju, 2003, għal:

CT 162/2003. Provvista ta' *double cab pick up vans* għad-Dipartiment tal-Manifaturra u Servizzi (MSD), Taqsima tax-Xogħlijiet. Itid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 163/2003. Provvista ta' uniformijiet tax-xitwa, Dipartiment tal-Pulizija.

CT 164/2003. Provvista ta' ġobon (Malta), Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 165/2003. Provvista ta' kapuċċelli (Malta), Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 179/2003. Provvista għall-*off-the-shelf software* għall-*IACS Unit* - Ministeru għall-Affarijiet Rurali u ta' l-Ambjent bl-għajnuna finanzjarja tan-*National Pre-Accession Programme 2000* għal Malta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-24 ta' Lulju, 2003, għal:

CT 168/2003. Provvista ta' *human gamma globulin* biex tingħata *intravenous* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 169/2003. Provvista ta' pilloli *ticlopidine 250mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 170/2003. Provvista ta' pilloli *olanzapine 5mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 171/2003. Provvista ta' pilloli *cefuroxime axetil 250mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 172/2003. Provvista ta' *complete nutritional preparation x 500ml* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 173/2003. Provvista ta' pilloli *spironolactone 25mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 160/2003. Upgrading works at St Francis of Assisi Boys' Secondary School, Santa Venera, Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm35 will be charged for each copy of tender document.

CT 161/2003. Services works and the conversion of two rooms into physics and food laboratories at St Francis of Assisi Boys' Secondary School, Santa Venera, Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm35 will be charged for each copy of tender document.

CT 185/2003. Period contract for the supply of various paints and varnish to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 22nd July, 2003, for:

CT 162/2003. Supply and delivery of double cab pick up vans for the Manufacturing and Servicing Department (MSD), Works Division. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 163/2003. Supply of winter uniforms, Police Department.

CT 164/2003. Supply of cheese (Malta), Health Division.

CT 165/2003. Supply of broiler chickens (Malta), Health Division.

CT 179/2003. Supply of off-the-shelf software to the IACS Unit - Ministry for Rural Affairs and the Environment with financial assistance from the National Pre-Accession Programme 2000 for Malta.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 24th July, 2003, for:

CT 168/2003. Supply of human gamma globulin for intravenous administration - Health Division.

CT 169/2003. Supply of ticlopidine 250mg tablets - Health Division.

CT 170/2003. Supply of olanzapine 5mg tablets - Health Division.

CT 171/2003. Supply of cefuroxime axetil 250mg tablets - Health Division.

CT 172/2003. Supply of complete nutritional preparation x 500ml - Health Division.

CT 173/2003. Supply of spironolactone 25mg tablets - Health Division.

CT 174/2003. Provvista ta' *beclomethasone dipropionate 50mcg aqueous nasal spray* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 175/2003. Provvista ta' *disposable 5-10mm laparoscopic trocar set* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 176/2003. Provvista ta' *endotracheal tubes, metal armoures* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 177/2003. Provvista ta' *insulin syringes 1cc* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 178/2003. Provvista ta' perżut imsajjar (Malta) - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 189/2003. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *toilet paper* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 174/2003. Supply of beclomethasone dipropionate 50mcg aqueous nasal spray - Health Division.

CT 175/2003. Supply of disposable 5-10mm laparoscopic trocar set - Health Division.

CT 176/2003. Supply of endotracheal tubes, metal armoures - Health Division.

CT 177/2003. Supply of insulin syringes 1cc - Health Division.

CT 178/2003. Supply of cooked cured ham (Malta) - Health Division.

CT 189/2003. Period contract for the supply of toilet paper to the Procurement Section of the Contracts Department.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-29 ta' Lulju, 2003, għal:

CT 180/2003. Xogħlijiet ċivili b'konnessjoni ma' l-istallazzjoni ta' lift f'12, Triq San Pawl, Valletta - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm40 għall kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 181/2003. Rinovar ta' *play area* fl-Iskola Primajra San Ġorġ, Ħal Qormi - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 182/2003. Rinovar u titjib tal-laboratorji fil-*Junior Lyceum* tas-Subien ta' Kordin, Raħal Ġdid - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 183/2003. Xogħlijiet ta' l-elettriku u xogħlijiet oħra fl-Iskola Primarja ta' l-Imġarr, l-Imġarr, Malta - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 184/2003. Provvista ta' frott u ħaxix (Malta) - Diviżjoni tas-Saħħa.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 29th July, 2003, for:

CT 180/2003. Civil works in conjunction with the lift installation at 12, Triq San Pawl, Valletta - Works Division. A fee of Lm40 will be charged for each copy of tender document.

CT 181/2003. Refurbishment to play area at San Ġorġ Primary School, Qormi - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

CT 182/2003. Refurbishment and upgrading of laboratories at the Corradino Boys Junior Lyceum, Paola - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

CT 183/2003. Electrical and other works at Mġarr Primary School, Mġarr, Malta - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

CT 184/2003. Supply of fruits and vegetables (Malta) - Health Division.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-31 ta' Lulju, 2003, għal:

CT 186/2003. Bini ta' sistema għall-ilma tax-xita f'Ħaż-Żebbuġ, Malta (Fażi 1) – Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' lm15 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta. Il-pjanti relatati jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju taċ-*Chief Draughtsman,* Blokk A, Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas id-dritt neċessarju ta' Lm3 għal kull set komplut kopja ta' pjanti.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 31st July, 2003, for:

CT 186/2003. Construction of a storm water system at Żebbuġ, Malta (Phase 1) – Works Division. A fee of Lm15 will be charged for each copy of tender document. The relative drawings can be collected from the Chief Draughtsman's Office, Block A, Works Division, Floriana between 8.00 a.m. and noon against the necessary payment of Lm3 for a complete set of drawings.

*CT 198/2003. Provvista u konsenja ta' tagħmir tal-kompjuter u tagħmir anċillari għall- *upgrading* u modernizzar tal-kapaċità ta' l-operat tad-Dipartimenti tal-VAT. Proġett ta' l-E.U. - Ref: B7-040 MT-01-05.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-5 ta' Awissu, 2003, għal:

CT 187/2003. Provvista ta' patata forma ta' trab (Malta) - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 188/2003. Provvista ta' sopop f'forma ta' trab (Malta) - Diviżjoni tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-7 ta' Awissu, 2003, għal:

CT 166/2003. Provvista ta' *Occupational Health Monitoring Equipment, IT hardware* u *software* lill-Awtorità ta' l-*Occupational Health and Safety*. Proġett ta' l-EU, Ref: EuropeAid/115245/D/S/MT. Għal aktar informazzjoni wieħed għandu jidħol fil-*website* uffiċjali f'dan l-indirizz:
http://europa.eu.int/comm/europeaid/index_en.htm.

CT 190/2003. Provvista ta' *single needle cartridges* għall-*Cobe Centry III* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 191/2003. Provvista ta' pilloli *losartan potassium* 50mg – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 192/2003. Provvista ta' pilloli *bromazepam* 3mg – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 193/2003. Provvista ta' pilloli *warfarin* 1mg – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 194/2003. Provvista ta' pilloli *warfarin* 3mg – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 195/2003. Provvista ta' pilloli *sotalol* 80mg – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 196/2003. Provvista ta' pilloli *quetiapine* 100mg – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 197/2003. Xogħlijiet ta' l-elettriku u mekkanika fiċ-Ċentru tax-Xjenza f'Pembroke – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

*CT 199/2003. Restawr ta' faċċata prinċipali fi Triq Nofsinhar u tal-faċċata laterali mal-Knisja tal-Vittorja, Valletta - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta. Il-pjanti relatati jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju taċ-*Chief Draughtman*, Blokk A, Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana, bejn it-8.00 a.m. u

*CT 198/2003. Supply and delivery of computer equipment and ancillary equipment, to upgrade and modernize the operational capacity of the VAT Departments. E.U. Project - Ref: B7-040 MT-01-05.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 5th August, 2003, for:

CT 187/2003. Supply of potatoes in powder form (Malta) - Health Division.

CT 188/2003. Supply of powdered soups (Malta) - Health Division.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 7th August, 2003, for:

CT 166/2003. Supply and delivery to the Occupational Health and Safety Authority of Occupational Health Monitoring Equipment, IT hardware and software. EU Project, Ref: EuropeAid/115245/D/S/MT. Please refer to the official website at the following address:
http://europa.eu.int/comm/europeaid/index_en.htm.

CT 190/2003. Supply of single needle cartridges for Cobe Centry III – Health Division.

CT 191/2003. Supply of losartan potassium 50mg tablets - Health Division.

CT 192/2003. Supply of bromazepam 3mg tablets - Health Division.

CT 193/2003. Supply of warfarin 1mg tablets - Health Division.

CT 194/2003. Supply of warfarin 3mg tablets - Health Division.

CT 195/2003. Supply of sotalol 80mg tablets - Health Division.

CT 196/2003. Supply of quetiapine 100mg tablets – Health Division.

CT 197/2003. Electrical and mechanical works at the Pembroke Science Centre – Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

*CT 199/2003. Restoration of facade on Triq Nofsinhar and side elevation at Our Lady of Victory Church, Valletta - Works Division. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document. The relative drawings can be collected from the Chief Draughtsman's Office, Block A, Works Division, Floriana, between 8.00 a.m. and noon against the

nofsinhar wara li jitħallas id-dritt neċessarju ta' Lm4 għal kull set komplut kopja ta' pjanti.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, *Notre Dame Ravelin,* il-Furjana, Tel. 21 220 212, Est. 128, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

L-1 ta' Lulju, 2003

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf ukoll lill-offerenti kollha illi skond klawsola 5(2) (k) u t-Tielet Skeda tar-Regolamenti ta' l-1996 dwar Akkwisti li jsiru mis-Servizz Pubbliku r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali għar-rigward ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi ser ikunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*polling facilities* fuq in-numru tal-*fax* 2122 6156.**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġenerali (Kuntratti) fi żmien tlett (3) ijiem tax-xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha. Dan irid isir skond paragrafu (2) tat-Tielet Skeda ta' l-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxa fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din l-Iskeda.

L-1 ta' Lulju, 2003

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Proġett ta' l-*E.U. - National Pre-Accession Programme 2001* għal *Malta*

Dan huwa *Supply Procurement Notice* taħt *INTERNATIONAL OPEN TENDER PROCEDURE*

CT 166/2003. Provvista u konsenja lill-Awtorità ta' l-*Occupational Health and Safety* ta' Tagħmir ta' l- *Occupational Health Monitoring*, *IT hardware* u *software*. Proġett ta' l-EU - Ref: EuropeAid/115245/D/S/MT. Id-*dossier* ta' l-offerta flimkien ma' l-Avviż tal-*Procurement* jista' jinkiseb mid-Dipartiment tal-Kuntratti u mill- *website* uffiċjali f'dan l-indirizz:

http://europa.eu.int/comm/europeaid/index_en.htm.

L-1 ta' Lulju, 2003

necessary payment of Lm4 for a complete set of drawings.

*Advertisements appearing for the first time

Tender documents are obtainable on application from the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, Tel. 21 220 212, Ext. 128 or on any working day between 8.30 a.m. and noon.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

1st July, 2003

The Director General (Contracts) also notifies all tenderers that in terms of Clause 5(2) (k) and the Third Schedule of the Public Service (Procurement) Regulations 1996 recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice board every Wednesday and Friday after 12.00 noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the polling facilities on fax number 2122 6156.**

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) within not more than three (3) working days from the date of such publication and in accordance with paragraph (2) of the Third Schedule of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this Schedule.

1st July, 2003

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

EU Project – National Pre-Accession Programme 2001 for Malta

This is a Supply Procurement Notice under the INTERNATIONAL OPEN TENDER PROCEDURE

CT 166/2003. Supply and delivery to the Occupational Health and Safety Authority of Occupational Health Monitoring Equipment, IT hardware and software. EU Project - Ref: EuropeAid/115245/D/S/MT. The tender dossier together with a detailed Procurement Notice is available from the Department of Contracts and from the official website at the following address:

http://europa.eu.int/comm/europeaid/index_en.htm.

1st July, 2003

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Proġett ta' l-*E.U. - National Pre-Accession Programme 2001* għal *Malta*

Dan huwa *Supply Procurement Notice* taħt *LOCAL OPEN TENDER PROCEDURE*

*CT 198/2003. Provvista u konsenja ta' tagħmir tal-kompjuter u tagħmir anċillari għall-*upgrading* u modernizzar tal-kapaċità ta' l-operat tad-Dipartimenti tal-VAT. Proġett ta' l-E.U. - Ref: B7-040 MT-01-05.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi hawn fuq hu sal-ĦAMIS, il-31 ta' Lulju, 2003, sal-10.00 a.m. (Ħin ta' Malta).

L-1 ta' Lulju, 2003

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

EU Project – National Pre-Accession Programme 2001 for Malta

This is a Supply Procurement Notice under the LOCAL OPEN TENDER PROCEDURE

*CT 198/2003. Supply and delivery of computer equipment and ancillary equipment, to upgrade and modernize the operational capacity of the VAT Departments. E.U. Project - Ref: B7-040 MT-01-05.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the closing date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is THURSDAY, 31st July, 2003, up to 10.00 a.m. (Malta time).

1st July, 2003

DIPARTIMENT TA' L-ARTIJIET

